**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ U L-ISKEJJEL SEKONDARJI 2008**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| | | |
|---|---|---|
| **IL-ĦAMES KLASSI** | **MALTI** | **ĦIN: SAGĦTEJN** |

Isem: ______________________ Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 20 | 8 | 3 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**IL-BRIMB TAL-FJURI**

Il-brimb huwa magħruf għall-kapaċità tiegħu li jagħmel strutturi mill-għanqbut. Imma mhux il-brimb kollu kapaċi jagħmel dan. *(par. 1)*

Ħafna speċi ta' brimb jikkaċċjaw il-preda tagħhom b'metodi oħra. Hemm brimb li jħuf u jersaq inkiss inkiss lejn il-vittma tiegħu. Hemm brimb ieħor li joqgħod jistenna xi insett joqrob lejh u malli dan ikun viċin biżżejjed jaħtfu. *(par. 2)*

Il-brimb huwa l-aktar grupp ta' araknidi li għamel suċċess. L-araknidi huma annimali ta' l-art bi skeletru fuq barra u b'erba' pari saqajn. L-iskorpjuni u l-baqq ukoll huma araknidi. *(par. 3)*

Il-ġisem tal-brimb huwa maqsum f'żewġ partijiet. Ir-ras, li ġeneralment ikun fiha erba' pari għajnejn u erba' pari saqajn, u ż-żaqq li tkun imwaħħla mar-ras. Il-brimb insibuh jgħix kważi f'kull parti tad-dinja u kważi f'kull ambjent. Madwar il-Mediterran insibu eluf ta' speċi. *(par. 4)*

F'Malta biss għandna bejn tliet mija u ħames mitt speċi. In-numru eżatt ta' kemm hawn għadu mhux magħruf peress li dan il-grupp ta' annimali għadu ma ġiex studjat biżżejjed. *(par. 5)*

Dan it-tip ta' brimb jgħix ukoll fuq il-ħaxix u mhux biss fuq il-fjuri. *(par. 6)*

Il-kulur ta' ġisem dan il-brimb jixbah ħafna lil dak tal-post fejn iħobb joqgħod u jgħix, u għalhekk il-brimb ma tantx ikun jidher, speċjalment mill-insetti li ma jindunawx bih. Sikwit dawn jispiċċaw jaqgħu vittmi tiegħu. *(par. 7)*

Meta jkun qiegħed jikkaċċja joqgħod jistenna bla ma jitħarrek, kultant għal ħin twil, sakemm jersaq viċin tiegħu xi insett. Hekk kif dan joqrob biżżejjed lejh, jaħtfu b'saqajh ta' quddiem u jinjettalu velenu biex jilluppjah jew joqtlu. Il-brimb tal-fjuri li huwa l-aktar komuni f'Malta huwa abjad, isfar jew ħamrani. Speċi waħda għandha disinn iswed fuq daharha. Il-brimba mħattba tal-fjuri għandha żewġ ħotbiet fuq iż-żaqq. *(par. 8)*

Minħabba l-aptit kbir tiegħu l-brimb irid joqgħod attent ħafna meta jkun qed jinnamra. L-affari hija kkomplikata aktar peress li, ħafna drabi, ir-raġel huwa ħafna iżgħar mill-mara u jekk ma joqgħodx attent jispiċċa fil-platt tagħha! *(par. 9)*

(addattament liberu minn *Il-Brimb tal-Fjuri* ta' Paul Portelli, artiklu li deher fil-ħarġa ta' Mejju 2004 tas-*Sagħtar*)

## A. FEHIM IT-TEST (9 marki)

1. Għalxiex huwa magħruf l-aktar il-brimb?

______________________________________________ (marka)

2. Semmi żewġ metodi ta' kif jikkaċċja l-brimb.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (2 marki)

3. Xi jkunu l-araknidi?

__________________________________________________________________________ (marka)

4. Il-brimb tal-fjuri huwa kaċċatur prim għax ma jintlemaħx mill-priża tiegħu. Fejn tafu dan?

______________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (marka)

5. Semmi żewġ karatteristiċi ewlenin tal-brimb tal-fjuri li jgħix f'Malta u li bihom jista' jintgħaraf malajr.

______________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (marka)

6. Għalxiex irid joqgħod attent il-brimb tas-sess maskili meta jiġi għan-namur?

______________________________________________________________________________

__________________________________________________________________________ (marka)

7. Taħseb li l-kittieb tas-silta jħobbha n-natura? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

_________________________________________________________________________ (2 marki)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (20 marka)

### GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Sib u ikteb: ( 8 marki)

a. partiċipju passiv fil-ġens maskil mill-ewwel paragrafu: ______________________________

b. verb trilitteru sħiħ mit-tieni paragrafu, bil-pronom mehmuż tat-tielet persuna maskil singular mehmuż miegħu: ______________________________

ċ. nom fl-għadd imtenni: ______________________________

d. plural sħiħ mit-tmien paragrafu: ______________________________

e. nom Semitiku fil-maskil mit-tmien paragrafu, bis-suffiss pronominali tat-tielet persuna femminil singular: ______________________________

f. aġġettiv fil-grad komparattiv: ______________________________

ġ. verb fl-għaxar forma mit-tmien paragrafu: ______________________________

g. verb irregolari mill-ħames jew mis-seba' paragrafu: ______________________________

2. Wieġeb kif mitlub/a: (6 marki)

| | |
|---|---|
| a. iz-zokk morfemiku ta' *jikkaċċjaw (par. 2)* | a. |
| b. l-għerq ta' *jitħarrek (par. 8)* | b. |
| ċ. *mħattba (par. 8)* hija kelma fil-parteċipju passiv. Minn liema verb hija mnissla? | ċ |
| d. *tliet mija (par. 5)*. Ikteb in-numru **3** bit-t marbuta, u ikteb nom warajh. | d. |
| e. *brimb.* Grammatikament, din il-kelma x'inhi? | e. |
| f. nom minn *jilluppjah (par.8)* | f. |

## LESSIKU / VOKABULARJU

3. Ikteb sinonimi (kliem bl-istess tifsira) għall-kliem li ġej, dejjem skond is-sens tas-silta fejn jinsabu: (2 marki)

| | |
|---|---|
| a. *kapaċità (par. 1)* u *preda (par.2)* | a. |
| b. *viċin (par. 2)* u *eżatt (par. 5)* | b. |

## ANALIŻI TESTWALI

4. *Hemm brimb ieħor li joqgħod jistenna xi insett joqrob lejh ...... (par. 2)*

(i) Għaliex l-**i** ta' ***i**nsett* ma nneħħuhiex la darba hemm qabilha kelma li tispiċċa b'vokali?

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________ (2 marki)

(ii) L-**h** ta' *lej**h*** għal min, jew xiex, qed tirreferi?

_______________________________________________________________________ (marka)

**SINTASSI**

5. It-tieni paragrafu huwa magħmul minn tliet sentenzi. Iktbu mill-ġdid f'sentenza **waħda** mingħajr ma tuża l-konġunzjoni *u*.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________. (marka)

## Ċ. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **waħda** minn a, b u ċ u ikteb bejn 80 u 100 kelma fuq karta separata.

a. Agħti taqsira, fi kliemek, tas-silta *"Il-Brimb tal-Fjuri"*.

b. Ħabib/a mill-klassi tiegħek ittieħed/et b'urġenza l-isptar għal operazzjoni. Kulħadd mill-klassi ta xi ħaġa tal-flus biex bihom inti, bħala rappreżentant/a tal-klassi, tixtri xi ħaġa sabiħa bħala rigal u turija fl-istess ħin ta' solidarjetà u tmur tagħtihielu/ha fl-isptar. Ikteb ittra (fejn fiha, fost ħwejjeġ oħra, int se tixtieq fejqan ta' malajr) biex takkumpanja dan ir-rigal.

ċ. Stħajjel li inti ġurnalist/a mill-aqwa li hawn Malta u ġejt mibgħut/a biex tikteb rapport għal gazzetta lokali fuq avveniment ta' importanza kbira - il-ftuħ ta' stazzjon tal-ferrovija fil-belt kapitali ta' Malta, u l-ewwel vjaġġ ta' l-istess ferrovija.

| D. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI | (3 marki) |
|---|---|

a. L-awtur fis-silta *"Il-Brimb tal-Fjuri"* jitkellem fuq diversi tipi ta' brimb. Imma jekk ma toqgħodx attent għalih dan il-brimb, rari ħafna biex tilmħu qalb il-fjuri. X'inhi dik l-idjoma li nużaw biex nuru li xi ħaġa, annimal jew bniedem, rari narawh/a?

________________________________________________________________ (2 marki)

b. Il-qwiel li juru l-Għerf Prattiku huma tassew interessanti u fihom ħafna x'tixtarr. Xi jfisser il-qawl *"Ir-ross jittiekel biċ-ċappa mhux bil-labra"*?

________________________________________________________________ (marka)

| E. LETTERATURA: *QAWSALLA* | (30 marka) |
|---|---|

**a. Aqra sew din is-silta mill-poeżija *Mill-Ġdid Poeta* ta' Rużar Briffa, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet ta' taħt:**

Il-ferħa ta' bla tarf li jien poeta
darba ħassejt,
u bkejt
bil-qalb mimlija
x'ħin l-ogħna ħolm tal-ħajja
għannejt.
Għannejt
l-imħabba u r-regħxa tagħha,
is-serħ,
il-ferħ
ta' min jitgħannaq magħha.

Għannejt il-wesgħa fejn ix-xemx raħlija
is-sagħtar tbus u tħaddan bl-akbar dija.
Għannejt il-wied sewdieni
fejn
bogħod mill-ħlejjaq,
bogħod mid-dwejjaq,
xtaqt ngħix waħdieni.
Għannejt fuq kollox l-għanja
tal-mewġa kiebja fis-sahriet sajfija,
il-leħħa bajdanija
ta' l-iljieli msaħħra mill-bewsiet qamrija.
Għannejt bil-qalb żagħżugħa,
għannejt mimli bil-ħrara,

stmellejt il-frugħa
tat-triqat dellija,
il-kruha
tad-djar kennija,
u, bħal għasfur imġennen għas-sbuħija,
għal għonq it-triq,
bla niket u bla diq,
erħejtha għalenija.

1. Din il-poeżija hija lirika u romantika. Għaliex?

(2 marki)

2. Ikkummenta fuq il-versi tas-silta. Għalfejn taħseb li huma miktuba b'dan il-mod?

(marka)

3. Fisser dawn l-erbgħa skond kif il-poeta qiegħed jużahom fis-silta: (2 marki)

| | |
|---|---|
| a. *l-ogħna* (vers 5) | a. |
| b. *kiebja* (vers 20) | b. |
| ċ. *sahriet* (vers 20) | ċ. |
| d. *għalenija* (vers 32) | d. |

4. Liema huma l-motivi li jqanqlu l-poeta biex jikteb?

(marka)

5. F'din is-silta nsibu għadd ta' Figuri tad-Diskors. Sib u ikteb tnejn (2) minnhom, u fisser kif qiegħed jużahom il-poeta.

(2 marki)

6. Din is-silta hija magħmula minn żewġ strofi. Il-poeżija b'kollox fiha erbgħa. X'jgħid il-poeta fl-aħħar tnejn?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

7. Fl-aħħar tliet versi <u>tal-poeżija</u>, il-poeta jgħidilna li reġa' ma' dwaru dawl il-poeżija u, fi kliemu stess, *" ... smajt ______ _______ / ta' min ġo qalbu jaf li hu poeta."* X'sema' l-poeta?

______________________________________________________________ (marka)

8. Taħseb li din il-poeżija bix-xieraq għandha toqgħod fit-taqsima *Karattri* ? Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (3 marki)

**b. Il-Komponiment Letterarju.**

Wieġeb mistoqsija ***waħda*** minn dawn it-tlieta. Ikteb madwar **200 kelma** fuq karta separata.

(16-il marka)

i. Aħna u naqraw il-poeżiji u s-siltiet ta' proża fit-taqsima *Tifkiriet* inħossuna miġbudin lejn il-kittieba u nħossuna parti minnhom. Agħti l-fehma tiegħek.

ii. Il-poplu Malti għadda minn għadd ta' ġrajjiet fl-imgħoddi, uħud sbieħ, uħud koroh. Għid kif taħsibha inti billi tagħmel referenza għal xi xogħlijiet mit-taqsima *Ġrajja u Identità*.

iii. Ikkummenta fuq il-mod kif il-poeti jħarsu lejn il-ħajja u l-problemi tagħha fit-taqsima *Karattri*.

## F. KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **wieħed**, u ikteb madwar **350 kelma** fuq karta separata.

1. L-iktar deċiżjoni importanti li ħadt f'ħajti.
2. Il-ħsibijiet tiegħi fuq lejla ta' dwejjaq.
3. Kif inħossni għand id-dentist!
4. Il-ħsejjes ta' bil-lejl.
5. Waħdi.
6. L-inkwiet huwa importanti wkoll fil-ħajja.
7. L-importanza ta' l-irqad.
8. Il-ħajja ta' kelb – u tiegħi.